MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**GRETA MIFSUD**

Seduta ta' l-4 ta' Frar, 2008

Talba Numru. 375/2006

**Dix Limited**

**Vs**

**3 You Design Limited**

**It-Tribunal**

Ra l-Avviz tas-socjeta' attrici li bih talbet lil dan it-Tribunal jikkundanna lis-socjeta' konvenuta thallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' mitejn u hames Euros u tlieta u tletin Euro cents (€205.33) - (Lm88.15c) import ta' prodotti lilha mibjugha u kkonsenjati kif ukoll ghal servizzi rezi. Fl-Avviz gie wkoll premess illi s-socjeta' konvenuta giet mitluba thallas diversi drabi, wkoll b'ittra legali, izda baqghet inadempjenti. Bl-imghax u bl-ispejjez inkluz dawk ta' l-ittra legali.

Ra r-Risposta tas-socjeta' konvenuta li ecceppiet li t-talbiet attrici fil-konfront tas-socjeta' konvenuta huma nfondati fil-fatt u fid-dritt stante illi s-socjeta' konvenuta diga' hallset ghall-prodotti kollha illi hija xtrat minghand is-socjeta' attrici u hallset il-kontijiet kollha relattivi ghal servizzi rezi minn impjegati tas-socjeta' attrici, bl-ahhar ammont, rapprezentanti l-bilanc illum pretiz mis-socjeta' attrici jigi pacut ma' hlas dovut in konnessjoni ma' servizzi rezi mis-socjeta' konvenuta lis-socjeta' attrici, tramite dak illi dejjem ipprezenta ruhu bhala rapprezentant taghha, u cjoe' Alan Grima.

Illi, effettivament, ghalhekk, jekk is-socjeta' attrici qed tippretendi xi hlas dan huwa dovut semmai u unikament mill-imsemmi Alan Grima illi ghandu ghalhekk jigi kjamat fil-kawza, fl-interess ta' l-ekonomija tal-gudizzju u l-ahjar amministrazzjoni tal-gustizzja.

Illi fit-tieni lok, u minghajr pregudizzju ghal premess, jekk is-socjeta' attrici qeghda tippretendi l-hlas ta' servizzi dawn jew ma sarux, jew ma sarux skond is-sengha biex b'hekk is-socjeta' konvenuta effettivament, ma bbenefikatx u/jew ma gawdietx minn xi servizzi da parti tas-socjeta' attrici. Konsegwentement, is-socjeta' konvenuta ma tistax titqies debitrici tas-socjeta' attrici, u anki ghalhekk, ghandha tigi lliberata mill-osservanza tal-gudizzju.

Ra x-xhieda ta' Alan Grima, direttur tas-socjeta' attrici, flimkien ma' martu Roberta Grima, li jichad li kellha ssir xi tpacija. Kuntrarjament ghal dak li qed issostni s-socjeta' konvenuta jghid li l-ammont ghadu dovut ghall-prodott li nstallaw fil-proprjeta' tas-socjeta' konvenuta u mhux ghal servizzi.

Jghid li s-servizz waqaf ghaliex ma kienux qed isiru hlasijiet. Jispjega li x-xoghol tad-disinjar kellu jsir ghalih personalment, pero' mbaghad kien hemm il-kontijiet pendenti ma' Dix Limited. Kien jinhareg kont separat kull xahar.

Jghid li ma kienx intbaghat kont peress li Camilleri ma kienx lesta x-xoghol u jichad li kien hemm xi ftehim fuq xi tpacija jew ftehim fuq il-modalita' tal-pagamenti.

Jikkonferma li bhala *shareholder* hu ghandu dritt jiffirma cekkijiet u bhala kumpanija kien hemm martu, Anthony Gambin kif ukoll Anthony Grima u Lino Grech.

Il-mara tieghu generalment kienet tmur tiddepozita l-flus u anki fl-2004 hi kienet inkarigata taghmel hekk.

Jikkonferma li kien hemm kont pendenti bejnu u Camilleri, izda peress li Camilleri qatt ma kien hareg kont qatt ma hallsu u l-email li kien baghat Camilleri kien ikkunsidraha bhala stima ghaliex hekk kienet il-prassi bejniethom.

Jammetti li kien qallu li jekk dak kien l-ammont kien dispost li jhallas pero' meta Grima ma bediex jghaddilu d-disinnji bdew il-problemi u hass li l-istima kienet gholja wisq u ma kienx dispost li jhallasaha.

Jghid ukoll li Camilleri kien johrog ic-cekkijiet fuq Dix Limited.

Ra x-xhieda ta' Martin Camilleri li jispjega li r-relazzjoni tieghu mas-socjeta' attrici kienet rigward l-akkwist ta' *computers* minghandha.  Jghid li kien dejjem taht l-impressjoni li Alan Grima kien il-proprjetarju ta' din il-kumpanija ghaliex dejjem kien jinnegozja mieghu.

Jispjega wkoll li kien ghamel xi disinn ghax-*showroom* li kien ghadu kemm akkwista Grima, kif ukoll kien ghamel xi disinji ghad-dar li kien ghadu kemm akkwista Grima, disinji ta' xi bibien, ghamara, kif ukoll il-kuluri taz-zebgha. L-ammont kien ta' mija u hamsa u tletin Euros u ghaxar Euro cents (€135.10) - (Lm58).

Jghid li kien mar l-ufficcju u kienu ssaldaw il-kontijiet li kien hemm pendenti bejniethom u cjoe' tal-*computers*, kif ukoll tad-disinji u kien ha l-impressjoni li ma kienx hemm aktar kontijiet pendenti.

Wara kien gie nfurmat minn certu Anthony Gambin li kien hemm xi kont pendenti ta’ mitejn u disgha u sebghin Euros u tnejn u hamsin Euro cents (€279.52) - (Lm120). Jispjega li hu kien dispost li jhallas biss sitta u sebghin Euro u sebgha u tmenin Euro cents (€76.87) - (Lm33) peress li kienet saret it-tpacija ta’ qabel ma’ Grima fejn kien hallas mija u tmienja u disghin Euros (€198) - (Lm85) u fil-fatt kien hallas dan l-ammont lil Gambin.

Kien hemm xi problemi bil-*computers* li kien akkwista mis-socjeta’ attrici, izda dan Grima kien qed jinjorah, kif ukoll jichad li qatt ma kien ghadda d-disinji lil Grima.

Jispjega li x-xoghol tad-disinn kien sar ghad-dar personali ta’ Alan Grima, izda minkejja dan ghalih dejjem kien deher Grima bhala rapprezentant tas-socjeta’ attrici. Il-pagamenti dejjem kienu jsiru minn Alan Grima, izda ma setax jikkonferma jekk meta l-hlasijiet kienu jsiru b’cekk kienux isiru f’isem is-socjeta’ attrici. Ghalih is-socjeta’ attrici u Grima kienu persuna wahda.

Ra d-dokumenti esebiti.

**Ikkunsidra**

Fl-ewwel lok jigi osservat illi ghalkemm is-socjeta’ konvenuta fl-eccezzjonijiet taghha ssollevat il-bzonn li jigi kjamat fil-kawza Alan Grima presumibbilment personalment ma segwiex din l-eccezzjoni b’talba ad hoc ghall-kjamata fil-kawza u llimita ruhu biex fix-xhieda tieghu jispjega kif skond hu Alan Grima u s-socjeta’ attrici ghalih dejjem kienu l-istess persuna.

Ciononostanti, ghalkemm Alan Grima fix-xhieda tieghu afferma illi s-socjeta’ konvenuta dejjem hallset b’cekk lis-socjeta’ attrici, s-socjeta’ konvenuta la ppruvat u anqas irnexxielha tirribatti din il-prova.

Minn ezami tal-provi fil-fehma tat-Tribunal ghalkemm Grima fix-xhieda tieghu ddikjara li l-ammont pretiz huwa dovut ghall-oggetti mibjugha u mhux ghal servizzi, dikjarazzjoni li ma tikkombacjax ma’ l-Avviz, ciononostanti,

jidher li hemm provi bizzejjed biex jikkonfortaw it-tezi attrici li l-ammont pretiz huwa dovut u li l-konvinzjoni f'mohh is-socjeta' konvenuta li m'hu dovut xejn hija kkawzata mill-konfuzjoni li l-istess ghamlet dwar l-irwol ta' Alan Grima bhala individwu u dak ta' rapprezentant tas-socjeta' attrici.

Fl-assjem tal-provi, ghalhekk, it-Tribunal jasal ghall-konkluzjoni li s-socjeta' attrici ppruvat sufficjentement it-talba taghha li ghalhekk ser tigi akkolta.

Ghal dawn il-motivi filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet tas-socjeta' konvenuta tilqa' t-talbiet attrici u tikkundanna lis-socjeta' konvenuta thallasaha s-somma mitluba bl-ispejjez u bl-imghax kif mitlub.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------